MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2011

Numru 3/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Peter Joseph Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 3 tas-sena 2010 kontra l-akkuzat Peter Joseph Bonnici, li bih hu ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) il-Pulizija ġew infurmati li l-akkużat Peter Joseph Bonnici kien qed ikabbar il-pjanta Cannabis ġewwa fond bl-indirizz 9, Sqaq il-Mitħna, iż-Żejtun. Wara li saru l-ispezzjonijiet meħtieġa fil-fond imsemmi, u ċioe' nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa (2004), il-pulizija tal-Iskwadra Kontra d-Droga kkonfermaw is-sejba ta' ammont konsiderevoli ta' pjanti ssusspettati li huma pjanti tal-Cannabis kif ukoll xtieli, żerriegħa u pjanta niexfa ssuspettati li huma tal-Cannabis ukoll. Filfatt l-akkużat stess, li kien preżenti waqt it-tfittxija u li

kkonferma li hu biss jidħol fil-fond in kwistjoni, indika lill-pulizija fejn kienu jinstabu dawn il-pjanti, xtieli, żerriegħa u pjanti niexfa u ammetta magħhom li kien ikkultivahom hu. Wara l-analiżi meħtieġa irriżulta li l-pjanti, x-xtieli misjuba fil-fond indikat, kienu pjanti u xtieli tal-kannabis, iż-żerriegħa kienu għammiela (*germinating*), filwaqt li l-pjanta niexfa irriżultat li tikkonsisti mis-sustanża THC, bil-purita' ta' 5.2%, liema sustanża hija sinonima mal-Cannabis li hija sustanża meqjusa bħala droga perikoluża u illegali ai fini tal-Liġijiet tagħna. Irriżulta minn kliem l-akkużat stess illi hu kien ilhu jiġestixxi din il-kolitvazzjoni illegali għal perijodu ta' xhur.

Illi b'għemilu l-imsemmi Peter Joseph Bonnici sar ħati talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kkoltiva l-pjanta Cannabis.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem imsemi akkuża lill-imsemmi Peter Joseph Bonnici talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kkoltiva l-pjanta Cannabis; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(c), 9, 10(1), 12 u 22(1)(a)(2)(a)(i)(3)(3A)(a)(b)(c)(d) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u fl-artikoli 17, 18, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi ndikati fil-kap preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe' bejn l-erbgħa u għoxrin u l-ħamsa u għoxrin (24 u 25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, l-akkużat Peter Joseph Bonnici

xjentement kellu fil-pussess tiegħu elf seba mija ħamsa u tmenin (1,785) żerriegħa tal-Cannabis, mija erbgħa u sebgħin (174) xitel tal-Cannabis ta' piż nett totali ta' mija disgħa u sebgħin punt sitt grammi (179.6g), ħames mija u tlettax punt tnjen u ħamsin grammi (513.52g) weraq imfarrak ta' xtieli tal-Cannabis kif ukoll xtieli u ħaxix aħdar niexef fl-ammont nett totali ta' sitt mija tlieta u desgħin punt tnax il gramma (693.12g) li kienet tikkontjeni s-sustanża THC, liema sustanża hija assoċjata mal-pjanta tal-Cannabis li hija meqjusa bħala droga illegali u perikoluża ai fini tal-Liġijiet tagħna.  In oltre ġie stabblilit li mill-piż ta' sitt mija tlieta u desgħin punt tnax il-gramma (693.12g) ta' weraq u weraq imfarrak niexef tal-pjanta tal-Cannabis, liema ammont instab fil-pussess tal-akkużat, jistgħu jiġu magħmula bejn sitt mija tlieta u desgħin (693) u elf tlett mija u sitta u tmenin (1386) reefers jew ċirka elfejn tlett mija u għaxar (2310) sticks.  L-ammont tad-droga li instabet kienet waħda konsiderevoli li ċertament ma' tindikax skop ta' użu personali u għaldaqstant tindika li l-interita jew għall-inqas l-maġġor parti tas-sustanża hekk misjuba kienet ser tiġi mibjugħa, prokurata u fornuta lil terżi persuni.

Illi jirriżulta wkoll mill-investigazzjonijiet li seħħew li l-fond bl-indirizz 9, Sqaq il-Mitħna, iż-Żejtun jinstab f'distanza ta' mitt metru mill-parametri ta' skola u ċioe` post iffrekwentat miż-żagħżagħ, li kwindi aktar taggrava ċ-ċirkostanzi perikolanti ta' l-aġir illegali hawn fuq deskritt u kommess mill-akkużat.

Illi b'għemilu l-imsemmi Peter Joseph Bonnici sar ħati talli, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta' ma' kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija

mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu**.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Peter Joseph Bonnici ħati talli, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta' ma' kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u ukoll li dan ir-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ, jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f 'li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, lil minuri, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur

il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 3 u 4(a) tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 17, 18, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużat Peter Joseph Bonnici, tas-7 ta’ Novembru, 2011, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita’ li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat għall-akkużi miġjuba kontrih, l-piena li għandha tigi inflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun wahda ta’ priġunerija għal perjodu ta’ seba’ (7) snin u sitt (6) xhur flimkien ma multa ta’ sbatax-il elf u erba` mitt Euro (€17,400) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi ghad-dikjarazzjoni w sejbien ta’ htija ai termini tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kapitolu 101], inkluż il-konfiska ta’ kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta’ mobbli w immobbli tal-istess akkużat;

Rat illi waqt is-seduta tallum 14 ta’ Novembru, 2011, l-akkużat, mistoqsi jekk hux ħati skont l-Att tal-Akkuza, wieġeb billi stqarr li hu kien ħati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-tweġiba w tatu ftit taż-żmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-akkużat baqa` jtenni t-tweġiba li hu kien ħati.

Tiddikjara għalhekk lil Peter Joseph Bonnici ħati :-

1. talli fl-24 ta’ Gunju, 2004 gewwa l-fond bl-indirizz 9, Sqaq il-Mithna, Zejtun ikkoltiva l-pjanta Cannabis, w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.

2. talli fl-24 u l-25 ta’ Gunju, 2004 kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, meta’ ma’ kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta’ ma’ kienx bil-liċenzja jew xort’ oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma’ kienx awtorizżat bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita’ mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma’ ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u ukoll li dan ir-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’, skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ, jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f ’li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, lil minuri, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta’ kura jew ta’ riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi, u b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma’ kienx għall-użu esklussiv tiegħuu dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.

Ikkonsidrat;

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero’ ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-preżentata b’arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Ikkonsidrat;

Qieset illi r-reat taħt it-tielet Kap tal-att ta' l-akkuza, ghall-fini tal-piena, huwa assorbit fl-ewwel u t-tieni kapi tal-Att ta’ l-Akkuza, stante li servew bhala mezz ghall-fini biex setgha jigi kommess r-reat in kwistjoni a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-**

**Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn).

Peress li, wara li ħadet kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz, u senjatament l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, u b' mod partikolari f' dan il-kaz il-kwantita' ta' droga involuta fir-reati, ic-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta' reati simili w fejn il-kwantita' tad-drogi kienet piu' o meno simili ghal dik involuta f'dan il-kaz, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom il-hati ammetta l-htija tieghu w peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz, jidher li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Ghaldaqstant, wara l qieset dan kollu, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 8(c)(d), 9, 10(1), 12 u 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regoli 3 u 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 18, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati Peter Joseph Bonnici ghall-piena ta' seba` (7) snin u sitt (6) xhur prigunerija, b'dana li minn dan il-perjodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' sbatax-il elf u erba` mitt Euro (€17,400) multa konvertita fi tnax–il xahar prigunerija jekk ma jithallsux fi zmien hmistax, u s-somma ta' elfejn u sebgha u hamsin Euro u sbatax euro centezmi import ta' l-ispejjez peritali (€2,057.17) a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta'

Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota - li għandha tigi preżentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma’ xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu magħha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-ħati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------